

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Wanda Films, SL u Wanda Visión, SA huma kkundannati għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti minn Dalian Wanda Group Co. Ltd għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

(¹) ĠU C 399, 5.11.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Ottubru 2019 – ZM et vs Il-Kunsill

(Kawża T-632/18) (¹)

(“Servizz Pubbliku – Uffiċjali – Membri tal-persunal temporanju – Remunerazzjoni – Allowances tal-familja – Allowance tal-edukazzjoni – Rifjut ta’ rimbors tal-ispejjeż skolasticċi – Artikolu 3(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal”)

(2019/C 423/56)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: ZM, ZN, ZO (rappreżentant: N. de Montigny, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Meyer u M. Alver, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-kovenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: E. Taneva u M. Windisch, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill li ma jiġux irrimborsati r-rikorrenti għall-ispejjeż skolasticċi għas-sena tal-iskola 2017/2018, li triżultaw jew minn deċiżjoni individwali, jew minn indikazzjoni fis-sistema informatika interna Sysper/Ariane.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) ZM, ZN u ZO huma kkundannati għall-ispejjeż.
- 3) Il-Parlament għandu jħalli l-ispejjeż rispettivi tiegħi.

(¹) ĠU C 455, 17.12.2018.